



Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2022/2188(INI)

18.7.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
(2022/2188(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Anna Cavazzini

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

- A. billi fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit u l-UE stabbilew żewġ territorji doganali separati u żewġt iswieq separati għall-merkanzija u s-servizzi, kull wieħed minnhom bir-reġim regolatorju tiegħu;
- B. billi s-sħubija ekonomika bejn l-UE u r-Renju Unit għandha tiġġenera opportunitajiet ta' benefiċċju reċiproku u tiżgura ċ-ċertezza legali għan-negozji, b'mod speċjali l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u l-protezzjoni għall-konsumatur; billi l-implimentazzjoni sħiħa tal-Qafas ta' Windsor hija tal-akbar importanza sabiex tiġi evitata fruntiera fiżika fuq il-gżira tal-Irlanda, u b'hekk jiġu protetti l-ekonomija tal-gżira kollha, is-salvagwardja tal-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, jiġu żgurati l-kummerċ u l-kooperazzjoni, kif ukoll is-salvagwardja tal-integrità tas-suq intern u l-unjoni doganali; billi dawn l-oqsma jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur;
- C. billi l-UE rreaġixxiet malajr biex timplimenta l-Qafas ta' Windsor; billi r-Renju Unit issa huwa mistenni jimplimenta minnufih il-parti tiegħu;
- D. billi l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit, b'mod partikolari l-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq u l-Qafas il-ġdid ta' Windsor, hija prekondizzjoni biex ir-Renju Unit jibbenefika mill-vantaġġi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit (TCA);
- E. billi l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ bejn l-UE u r-Renju Unit fl-oqsma kollha, bħall-kummerċ fil-merkanzija u fis-servizzi, il-kummerċ diġitali, il-proprjetà intellettwali, l-akkwist pubbliku, l-avjazzjoni u t-trasport bit-triq, l-enerġija, is-sajd, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-kooperazzjoni tematika u l-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni hija prekondizzjoni biex jiġi massimizzat l-impatt pożittiv fuq iż-żewġ sħab tal-kooperazzjoni;
- F. billi t-TCA jiddikjara li r-Renju Unit u l-UE jikkondividu l-oġettiv li jiksbu livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur u jeħtiġilhom jikkooperaw għal dak l-għan;
- G. billi l-biċċa l-kbira tal-isforzi ta' kollaborazzjoni skont it-TCA ġew sospiżi parzjalment jew kompletament sakemm tinstab soluzzjoni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għad-data doganali f'ħin reali; billi l-oqsma ta' kooperazzjoni stabbiliti fit-TCA jistgħu jingħataw attenzjoni mġedda wara l-finalizzazzjoni tal-Qafas ta' Windsor f'Marzu 2023;
- H. billi b'riżultat ta' dan, kien hemm ftit jew l-ebda kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u dawk doganali tal-UE u tar-Renju Unit dwar is-sikurezza tal-prodotti, minkejja l-impenni obbligatorji skont il-kapitolu tat-TCA dwar l-ostakli tekniċi għall-kummerċ; billi l-awtoritajiet tar-Renju Unit ma għandhomx aċċess għas-safety

gates tal-UE, u l-UE lanqas ma għandha aċċess għall-bażi tad-data l-ġdida tar-Renju Unit dwar is-sikurezza tal-prodotti;

- I. billi l-Awtorità għall-Kompetizzjoni u s-Swieq tar-Renju Unit ma għadhiex parti min- Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur tal-UE; billi l-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet huma vitali biex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-drittijiet tal-konsumatur u għalhekk għandhom jiġu mħeġġa;
- J. billi l-leġislazzjoni tal-UE u tar-Renju Unit, u għaldaqstant anke d-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-konsumatur, se jvarjaw maż-żmien, u dan se jkollu impatt fuq il-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-passiġġieri; billi dan jista' jwassal għal bżonn li jiġu kkunsidrati mill-ġdid id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza; billi l-Kummissjoni għandha ssegwi d-diverġenza bejn il-liġijiet tal-UE u tar-Renju Unit; billi l-aċċess għal dan it-traċċar tad-diverġenza jkun ta' benefiċċju għall-Parlament u għal partijiet ikkonċernati rilevanti oħra billi jippermettilhom jiskrutinizaw aħjar l-implimentazzjoni tat-TCA;
- K. billi mill-2021, l-esportazzjonijiet kollha mir-Renju Unit lejn l-UE huma soġġetti għal proċeduri u għal kontrolli doganali; billi r-Renju Unit ittardja l-kontrolli ta' importazzjoni tal-UE erba' darbiet minn meta ħareġ mill-UE;
- L. billi żewġ swieq doganali separati jirrappreżentaw aktar piżijiet amministrattivi u ekonomiċi, speċjalment għall-SMEs, u dan iwassal għal effetti ta' detriment reċiproku; billi dan l-eżitu huwa bbażat biss fuq id-deċiżjoni awtonoma tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;
- M. billi wara perjodu ta' inċertezza fl-2020 u fl-2021, la l-partijiet ikkonċernati u lanqas il-Kumitat Speċjalizzat dwar id-Dwana u r-Regoli tal-Oriġini ma rrapportaw xi ostaklu doganali kbir għall-implimentazzjoni tat-TCA fl-2022;
- N. billi l-Grupp Konsultattiv Domestiku (DAG) tal-UE fl-ambitu tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit iltaqa' sitt darbiet u ppubblika traċċar tal-kwistjonijiet dwar l-implimentazzjoni tat-TCA; billi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni doganali bejn il-partijiet ħareġ bħala kwistjoni importanti ħafna f'dawn il-laqgħat;
- O. billi l-merkanzija nnegozjata bejn l-UE u r-Renju Unit trid tikkonforma mar-regoli tal-oriġini stabbiliti skont it-TCA jekk trid tibbenefika minn trattament preferenzjali b'0 % tad-dazji doganali;
- P. billi l-awtoritajiet doganali nazzjonali tal-UE qajmu tħassib kemm dwar il-korrettezza tal-awtodikjarazzjonijiet tal-oriġini tal-operaturi kif ukoll dwar it-tweġibiet ipprovduti mill-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit dwar il-verifiki tal-oriġini; billi l-Kumitat Speċjalizzat għall-Kummerċ dwar il-Kooperazzjoni Doganali u r-Regoli tal-Oriġini ħareġ gwida ġdida biex jappoġġa lill-Istati Membri;
- Q. billi l-partijiet ikkonċernati esprimew tħassib sinifikanti dwar l-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tal-konformità tar-Renju Unit; billi t-tielet estensjoni tal-iskadenza għall-introduzzjoni tagħha tħabbret f'Novembru 2022;

1. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qafas ta' Windsor; jilqa' l-fatt li dan il-ftehim jistabbilixxi regoli ġodda fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data doganali sabiex jippermetti aċċess f'ħin reali; jieħu nota tar-rakkomandazzjoni tal-24 ta' Marzu 2023 dwar is-suġġett tal-infurzar u s-sorveljanza tas-suq; jenfasizza l-ħtieġa ta' mekkaniżmi effettivi biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti regolatorji sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali kemm għan-negozji, speċjalment l-SMEs, kif ukoll għaċ-ċittadini, tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumaturi u jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi;
2. Jenfasizza li l-UE rreaġixxiet fil-pront biex timplimenta l-Qafas ta' Windsor u issa r-Renju Unit huwa mistenni jimplementa minnufih il-parti tiegħu; jikkunsidra li huwa essenzjali, barra minn hekk, li ż-żewġ partijiet jikkonformaw bis-sħiħ mal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Protokoll tiegħu u l-Qafas ta' Windsor sabiex jiffaċilitaw l-aċċess tar-Renju Unit għas-suq intern tal-UE skont it-TCA filwaqt li jippreservaw l-integrità tas-suq intern u l-unjoni doganali, u jrawmu l-kompetizzjoni ġusta, kif ukoll jiżguraw iċ-ċertezza legali għall-kumpaniji tal-UE meta jinneogzjaw mar-Renju Unit;
3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-UE u r-Renju Unit jikkooperaw mill-qrib dwar is-suġġett tad-dwana, inkluż billi jiżguraw skambju effettiv ta' informazzjoni, djalogu kostruttiv u metodi effettivi ta' kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet doganali, flimkien ma' Ambjent ta' Tieqa Unika interoperabbli u kkoordinat, u billi jimplementaw standards u elementi ta' data komuni mmirati lejn is-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' żdoganar sabiex il-kostijiet amministrattivi u finanzjarji jiġu minimizzati għall-partijiet ikkonċernati kollha; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, twettaq rieżamijiet u evalwazzjonijiet regolari sabiex tnaqqas l-ostakli regolatorji u amministrattivi mhux ġustifikati u tiżgura li l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti jibqgħu effettivi u validi għall-futur;
4. Jenfasizza li l-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni kollu kemm hu, m'għandhomx jiġu pperikolati; jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet doganali mill-UE u mir-Renju Unit biex dan jiġi żgurat;
5. Jenfasizza l-importanza tal-Artikolu 96 tat-TCA rigward il-kooperazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq u s-sikurezza u l-konformità tal-prodotti mhux tal-ikel; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni timplimentah mingħajr dewmien; jitlob l-iżvilupp ta' inizjattivi u proġetti konġunti, kif ukoll l-istabbiliment ta' modi ddedikati ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni, tal-aħjar Prattiki, u tal-għarfien espert tekniku fl-oqsma tas-sorveljanza tas-suq u tas-sikurezza tal-prodotti; jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar regolari tal-progress li sar fl-isforzi ta' kooperazzjoni stipulati fl-Artikolu 96;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tinneogzja u tikkonkludi ftehim ta' kooperazzjoni biex tiskambja informazzjoni u l-aħjar Prattiki relatati mal-infurzar effettiv tad-drittijiet u tal-ħarsien tal-konsumatur mal-Awtorità għall-Kompetizzjoni u s-Swieq tar-Renju Unit; jenfasizza li tali ftehim ikun ta' benefiċċju reċiproku;
7. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja regolarment l-impatt ġenerali tat-TCA fuq is-suq intern u l-konsumaturi;

8. Jenfasizza l-importanza tal-iskrutinju parlamentari tad-dispożizzjonijiet tat-TCA biex jiġu żgurati aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont; jenfasizza r-rwol pożittiv tat-TCA DAG fil-faċilitazzjoni tad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit u fil-forniment ta' għarfien espert, valutazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet matul l-implimentazzjoni tat-TCA; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u t-TCA DAG, sabiex jipprovdur opportunitàjiet għal djalogu miftuħ u l-kondiviżjoni ta' għarfien espert;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u teżamina d-diverġenza bejn il-liġi tal-UE u dik tar-Renju Unit u tipprovdur lill-Parlament u lill-pubbliku b'aċċess għad-data miksuba billi tippubblika rapporti annwali; jirrikonoxxi l-importanza ta' tali mekkaniżmu ta' identifikazzjoni biex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet b'mod infurmat, tissaħħaħ il-fiduċja pubblika, u tiġi faċilitata komprensjoni aktar profonda tal-kuntest ta' wara l-Brexit; jitlob li tiġi stabbilita pjattaforma li tippermetti aċċess pubbliku għal informazzjoni aġġornata dwar l-oqsma ta' diverġenza bejn il-liġi tal-UE u dik tar-Renju Unit. jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-miżuri kollha ta' rimedju u ta' riekwilibriju disponibbli fl-ambitu tat-TCA sabiex tindirizza d-diverġenzi identifikati li jistgħu jwasslu għal dgħufija jew tnaqqis fil-benessri tal-konsumaturi, inkluż il-livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi, tal-ħaddiema u tal-ambjent.
10. Jieħu nota li l-Gvern tar-Renju Unit ċekken il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' estinzjoni fl-Abbozz ta' liġi dwar id-Dritt tal-UE Miżmum (Revoka u Riforma) u jħeġġeġ lir-Renju Unit joqgħod lura milli jintroduċi dispożizzjonijiet fl-abbozz ta' liġi li huma f'kunflitt mat-TCA jew mal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Artikolu 58 – Proċedura b’kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.12.2022
Data tal-adozzjoni	18.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 38 - : 0 0 : 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoş, Markus Buchheit, Anna Cavazzini, Deirdre Clune, David Cormand, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Kateřina Konečná, Maria-Manuel Leitão-Marques, Antonius Manders, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Campomenosi, Claude Gruffat, Ivars Ijabs, Karen Melchior, Tsvetelina Penkova, Kosma Zlotowski
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Eric Minardi, Paulo Rangel, Grzegorz Tobiszowski

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

38	+
ECR	Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Grzegorz Tobiszowski, Kosma Złotowski
ID	Alessandra Basso, Marco Campomenosi
PPE	Pablo Arias Echeverría, Deirdre Clune, Krzysztof Hetman, Antonius Manders, Paulo Rangel, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefánek, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann
Renew	Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoș, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Ivars Ijabs, Karen Melchior, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Brando Benifei, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, René Repasi, Christel Schaldemose
The Left	Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Anna Cavazzini, David Cormand, Alexandra Geese, Claude Gruffat, Kim Van Sparrentak

0	-

3	0
ID	Markus Buchheit, Virginie Joron, Eric Minardi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni